**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 7/01 AJD**

**Caroline Farrugia u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2001, wara l-kliem Caroline Farrugia ghandhom jizdiedu l-kliem "ghan-nom u in rappresentanza tal-minuri Sabrina u Brenda Farrugia"**

**vs**

**Jason Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Dicembru, 2000, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' disghin lira Maltin (Lm90.00) rapprezentanti manteniment dovut ghall-perijodu Ottubru sa Dicembru, 2000, skond att pubbliku datat 16 ta' Lulju, 1996, in atti Nutar Carmel Gafa'.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-attrici m'ghandha ebda *standi judicio* biex tipprocedi *de proprio* pero' biss fl-interess tal-minuri bis-soliti proceduri.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-kawza saret inutilment peress li l-kuntratt seta' jigi esegwit minghajr il-htiega tal-kawza essendo titolu ezekuttiv ai termini tal-Ligi.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit fil-meritu, l-ammont mitlub mhux dovut ghal ragunijiet li jigu spjegati fid-dettall mill-konvenut, peress li huwa mhux jahdem u di piu' kien kostrett ihallas debitu tal-istess attrici.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-attrici.

Ra d-digriet tat-12 ta' Marzu, 2001, fejn giet ordnata korrezzjoni fis-sens illi wara l-kliem 'Caroline Farrugia' jizdiedu l-kliem 'ghan-nom u in rappresentanza tal-minuri Sabrina u Brenda Farrugia'.

Sema' x-xhieda tal-attrici. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti.

Ra li l-kawza giet differita ripetutament ghall-probabbli cessjoni stante li kien hemm probabilita' ta' transazzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar, 2002, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-llum u dan peress illi l-kawza kienet giet differita diversi drabi ghal probabbli cessjoni u/jew ghall-provi tal-konvenut.

Ikkunsidra:-
1. Illi fl-ewwel ececezzjoni tieghu il-konvenut isostni li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante li l-attrici m'ghandha ebda *standi judicio* biex tipprocedi *di proprio* pero' biss fl-interess tal-minuri. Illi din l-eccezzjoni giet sorvolata permezz tad-digriet tat-12 ta' Marzu, 2001, u ghalhekk it-Tribunal m'huwiex ser jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

2. Illi t-tieni eccezzjoni tal-konvenut hija fis-sens illi din il-kawza saret inutilment peress illi l-kuntratt seta' jigi esegwit minghajr ma jigu ntavolati dawn il-proceduri. Huwa minnu li l-attrici setghet tesegwixxi l-kreditu rizultanti mill-kuntratt ta' separazzjoni minghajr ma tistiwixxi dawn il-proceduri, izda dan il-fatt ma jirrendiex dawn il-proceduri nulli.

3. Illi t-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija fil-mertu. Huwa allega li kien kostrett ihallas debitu tal-istess attrici u di piu' ma kienx qed jahdem. Il-

konvenut naqas milli jressaq provi f'dan ir-rigward.

4. Illi l-attrici esibiet il-kuntratt tas-separazzjoni bejnha u bejn zewgha (a fol. 13 et seq). Klawzola 3 tal-imsemmi kuntratt tghid hekk:-
*"Ir-ragel jintrabat u jobbliga ruhu li jghaddi lil martu s-somma ta' Lm30 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt ulied minuri msemmija, liema manteniment jieqaf …………".*

Inoltre l-attrici kkonfermat bil-gurament li fl-ahhar tas-sena 2000 zewgha waqaf ihallas il-manteniment u li ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nomine s-somma ta' disghin lira Maltin (Lm90.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**